**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 440/2016**

**FH**

**vs**

**MAPFRE Middlesea p.l.c. (C5553) u**

**Island Insurance Brokers Ltd. (C10536)**

**Seduta tat-28 ta' Dicembru 2017**

**L-Arbitru:**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatrici tghid illi hi u zewgha kienu ibbukkjaw *flight* u *cruise* ma' *SMS Travel* f'Dicembru 2014, u l-vjagg kellu jsir mit-22 ta' Lulju sat-2 t'Awwissu 2015.

Illi r-ragel taghha kien jiehu certu medicina, *Ombreze,* ghax kien ipejjep; u kien ilu jehodha ghal certu numru ta' snin, però xorta wahda baqghu isiefru.

Illi huma qatt ma kienu jafu li ma setghux isiefru u saru jafu b'dan fil-25 ta' Mejju 2015. Kieku kienu jafu b'dan, ma kienux ser ikunu irresponsabbli u jibbukkjaw f'Dicembru 2014.

Illi qatt ma kienu semghu bil-kelma *COPD* u qatt ma kienu attendew fl-*Out Patients* tal-*Mater Dei*. Zewgha kien jiehu l-*inhaler*, *Ombreze*, ghal numru ta' snin u xorta setghu isiefru u qatt ma nqalalhom xejn waqt is-safar.

Illi l-'*pre-op'* li ghamel f'April 2014, kienet procedura normali.

Illi hija ssostni li ghandha tiehu minghand il-provdituri tas-servizz is-somma ta' €2,248, ghax wara li gew infurmati fil-25 ta' Mejju 2015, li ma setghux isiefru ikkancellaw il-vjagg.

**Risposta tal-provdituri tas-servizz:**

Il-provditur tas-servizz *Mapfre Middlesea p.l.c*. jidher li qieghda twiegeb kemm ghaliha kif ukoll ghall-*Island Insurance Brokers Ltd.*

Jghidu illi l-konjugi HH kienu intitolati ghall-polza msejha *Travel Open Cover* permezz tal-*BOV Visa Gold Card* taghhom taht liema polza huma qed jaghmlu l-*claim.*

Illi, f'pagna 3 tal-polza, hija spjegata l-*Health Warranty* in konnessjoni ma' din il-polza fejn jinghad:

'*If you cannot guarantee any of the statements listed under the following Health Warranty you must advise us immediately*. *If you fail to notify us, you will not be covered for any resultant claim relating to the medical condition referred to in the statements under the Health Warranty. It is important, therefore, that you tell us immediately if you or any insured person:*

1. *Have received advice, medication or treatment for any serious chronic or recurring illness, injury or disease in the last 12 months.'*

Illi l-kaz jaqa' fil-parametri ta' din il-kundizzjoni illi ma tirreferixxix biss ghall-medikazzjonijiet illi setghu inbdew matul it-tnax-il xahar qabel il-polza, izda tinkorpora kull medikazzjoni u trattament li seta' kien beda jittiehed in konnessjoni ma' kundizzjonijiet kronici matul l-imsemmi perjodu.

Illi l-assiguratur naqas milli jinforma lill-*broker* illi huwa kien qieghed fuq it-trattament tal-*Ombreze* u illi kien ibati mill-kundizzjoni tas-*COPD*, u kellhom jinfurmaw lill-assikurazzjoni b'dan.

Illi, ghalhekk, il-*brokers* kienu korretti fid-decizjoni li ma jilqghux il-*claim* u din giet sapportata mill-*MAPFRE Middlesea p.l.c.*

Illi skont ir-rapport ta' Dottor Joseph Pace, gie stabbilit li HHH kien ilu jbati bis-*COPD* tal-anqas mis-27 ta' Marzu 2014. Gie spjegat minn Dr Pace illi s-Sur HHH kellu passat b'din il-kundizzjoni u l-*Ombreze* tittiehed mill- pazjenti li jbatu bis-*COPD*.

Illi t-tabib ta' HHH, Dr Alex Portelli, irrapporta li HHH kien ilu jbati minn din il-kundizzjoni ghall-ahhar ftit snin u dan skont rapport tat-2 t'Ottubru 2016, li huwa DOK D.

Illi ghalhekk *MAPFRE Middlesea p.l.c.* temmen illi *Island Insurance Brokers* investigat fid-dettal dan il-kaz u waslet ghall-konkluzjoni korretta illi, skont it-termini tal-polza hawn fuq imsemmija, HH m'humiex koperti taht il-polza taghhom.

**Sema' x-xhieda tal-partijiet**

**Ra d-dokumenti kollha esebiti**

**Jikkonsidra**

Dan huwa kaz fejn l-ilmentatrici (u zewgha, li gie nieqes waqt il-mori tal-kaz), kienu detenturi tal-*Visa Gold Card* mahruga mill-*Bank of Valletta p.l.c.,* u min ikollu din il-*Visa Card,* ikun intitolat li jkun kopert b'polza ghal meta jsiefer.

L-ilmentatrici xehdet hekk:

'*Nghid li ahna konna inxurjati peress li kellna l-Gold Card u nghid li l-polza tal-assikurazzjoni hadd qatt ma tahielna. Il-Gold Card kienet ilha ghandna hafna u dejjem konna nsiefru taht dik l-assikurazzjoni. Il-polza qatt ma konna rajniha u ma konniex nafu li rridu nghidu x'mard kellna minn qabel*.'

Li l-ilmentaturi kienu koperti bl-assikurazzjoni li toffri l-*Visa Gold Card* m'hemmx kontestazzjoni, u l-*Island Insurance Brokers* permezz tax-xhud, Maria Azzopardi, tikkonferma li kien hemm kopertura permezz tal-*Visa Gold Card* u mistoqsija jekk l-ilmentatrici inghatatx il-polza tghid:

*'Nghid li l-policy qieghda online fuq il-website tal-BOV u tal-Island Insurance Brokers u ahna mal-klijenta qatt ma konna tkellimna hlief meta giet ghamlet il-claim.'*

Il-provdituri tas-servizz isostnu li kien hemm *pre-existing medical condition* li l-ilmentaturi kellhom jinfurmawhom biha u, ghalhekk, jinsistu li ma jilqghux il-*claim.*

L-Arbitru jara li dan huwa kuntratt ta' assikurazzjoni, u kif iddecidew hafna drabi l-Qrati taghna, dan huwa kuntratt ibbazat fuq l-*uberrima fides* jew *utmost good faith* u, ghalhekk, hemm l-obbligu tal-assikurat li jaghmel *disclosure* tal-fatti materjali lill-assikurazzjoni u, min-naha l-ohra, l-obbligu daqstant importanti li l-assikurazzjoni tagixxi *'in utmost good faith'* u ma tirrifjutax *claim* ingustament.

Dwar l-obbligu tal-assikurat ta' *disclosure*, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet:

*'Il-Qorti taghraf illi l-kuntratt tal-assikurazzjoni huwa kuntratt ibbazat fuq l-uberrimae fides bejn il-kontendenti ghaliex huwa kuntratt ibbazat fuq riskju fortuwitu u ghalhekk is-socjetà assiguratrici tippretendi li matul id-durata tal-kuntratt hija tigi mgharrfa pienament b'cirkostanzi mill-assikurat stess li jistghu jbiddlu l-element ta' riskju f'wiehed akar gholi.'*[1]

Il-Qorti tal-Appell[2] gabret fil-qosor in-natura ta' dan il-kuntratt u l-obbligi u drittijiet li ghandhom il-partijiet:

*'Polza ta' assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta' premium mill-assikurat lis-socjetà assikuratrici, dik l-istess socjetà tintrabat li tindennizza lill-assikurat taghha fl-eventwalità li dan isofri xi telf bhala rizultat ta' event dannuz kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan it-tip ta' kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh is-socjetà assikuratrici.*

*F'dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b'titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom billi bil-hlas ta' premium da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta' indennizz da parti*

[1] Patricia Agius vs *GasanMamo Insurance Ltd,* PA, 5/06/2015
[2] Sammut vs *Middlesea Insurance plc,* 14/05/2004

*tas-socjetà assikuratrici. In kwantu polza ta' assikurazzjoni hija kuntratt li jehtieg li jigu sodisfatti r-rekwiziti generali tal-kuntratti u, cioè, li l-kontraenti jkunu kapaci jikkuntrattaw u li jaghtu l-kunsens taghhom. Inoltre l-oggett tal- kuntratt jrid jkun determinat u lecitu.*

*Kif inghad hawn fuq bil-hrug tal-polza ta' assikurazzjoni s-socjetà assikuratrici tassumi l-obbligu li tindennizza lill-assikurat taghha ghall-event futur dannuz. Din l-obbligazzjoni ghalhekk hija wahda kazwali billi taghmel l-obbligazzjoni tiddipendi minn grajja ta' bla hsieb li ma tkunx fis-setgha la tad-debitur u lanqas tal-kreditur (Art.1053 (I), Kodici Civili).*

*Minhabba l-incertezza insita f'dan il-kuntratt huwa mehtieg grad gholi ta' bona fede u partikolarment da parti ta' min ikun talab il-hrug tal-polza. Dana billi b'dak il-mod biss is-socjetà assikuratrici tista' ssir konsapevoli mic-cirkostanzi kollha insiti fir-riskju sabiex taghzel li tiehu dak ir-riskju kif ukoll tistabbilixxi "premium" adegwat. Din il-bona fede li tiddistingwi dan il-kuntratt bhala wiehed ta' uberrima fides hija mehtiega f'kull tip ta' polza ta' assikurazzjoni.'*

It-test li ghandu jsir jekk l-assikurat qedix l-obbligu tieghu ta' *disclosure* u jekk osservax l-obbligu tieghu ta' *utmost good faith* huwa wiehed soggettiv ghal dak l-assikurat. Fil-kaz odjern, l-accenn tal-polza huwa *'if **you**[3] fail to guarantee, etc.'*, u, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Sede Superjuri[4] f'kaz simili, hemm is-soggettività u wiehed irid jara l-fatti kif sehhew.

Il-Qrati taghna[5] sostnew ukoll li:

*'Illi l-Qorti ma tistax ma taghmilx accenn ghal dak li gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, f'sentenza tat-18 ta' Mejju, 2012 (Citazzjoni Numru: 128/1999/1) fl-ismijiet Middle Sea Insurance P.L.C vs Anthony Borg:*

*"Dwar il-kuntratt tal-assigurazzjoni, tajjeb li jigi osservat illi fis- sitwazzjonijiet fejn l-assiguratur jista' legalment jirrifjuta li jhallas pretensjoni tal-assigurat. … Strettament dawn huma biss sitwazzjonijiet fejn l-assigurat ikun wettaq xi frodi jew ma zvelax xi fatti materjali, jew ghamel rapprezentazzjoni hazina ta' xi fatti materjali, jew xi ksur iehor tad-dmir tal-uberrima fides."*

---

[3] *Bold* mill-Arbitru
[4] P u D konjugi S vs Joseph Grech noe, 28/11/2003
[5] Patricia Agius vs *GasanMamo Insurance Ltd*, PA, 5/06/2015

*Di più l-onus probandi ghal tali frodi, misrapprezentazzjoni jew ksur iehor ta' dmir ta' uberrima fides jaspetta lis-socjetà assiguratrici.'*

Ghalhekk l-Arbitru jrid jara jekk kemm-il darba l-ilmentaturi kisrux l-obbligu taghhom ta' *uberrima fides* u jekk ghamlux rapprezentazzjoni hazina ta' xi fatti materjali jew ksur iehor ta' *uberrima fides.*

Tajjeb jinghad li dan il-kaz ghandu certi fatti specjali. Per ezempju, l-ilmentaturi qatt ma ltaqghu mal-kumpanija tal-assigurazzjoni u qatt ma inghataw il-polza tal-assikurazzjoni ghaliex din il-polza kienet tkoprihom awtomatikament ghaliex kienu hadu l-*Visa Gold Card* minghand il-*Bank of Valletta.* Bhala wiehed mill-beneficcji tal-*Gold Visa Card,* il-*Bank of Valletta* joffri din l-assikurazzjoni.

Ghalhekk, b'differenza ghal kazi ohra, l-assikurat qatt ma jkun iltaqa' mal-kumpanija assikuratrici, kif anke gara f'dan il-kaz. Lanqas ma jigi miftiehem *premium* ghaliex il-hlas tal-*premium* isir b'mod kollettiv mill-Bank direttament lill-kumpanija assikuratrici.

Kif xehdet l-ilmentatrici la l-Bank, la l-*broker* u lanqas il-kumpanija assikuratrici qatt ma tawha jew spjegawlha l-polza; u kien ilhom is-snin isiefru taht din il-polza; u l-Arbitru m'ghandu l-ebda prova li qatt ghamlu *claim* fuqha.

Irid jinghad ukoll li lanqas f'dawn il-proceduri ma giet ipprezentata l-polza shiha izda parti minnha.

Irid jinghad ukoll li dak li jittiehed mill-kumpanija ta' assikurazzjoni bhala fatt komplut mhux daqstant jista' jkun ovvju ghal dak il-konsumatur li jkun kopert b'xi polza.

Tant li l-Qorti tal-Appell[6] qalet li f'dawn il-kuntratti li huma *standard form contracts,* bhal dan il-kaz,[7] hemm l-obbligu ta' min johrog din il-polza li jekk ikun hemm xi kondizzjoni *standard* fil-polza '*tavverti espressament lill-atturi fil-mument tal-prenotazzjoni bil-kontenut ta' dawk il-kondizzjonijiet standard.'*

Il-provditur qed jibbaza r-rifjut tal-*claim* fuq il-fatt li kien hemm *pre-existing medical condition* u taht il-*Health Warranty* kien hemm il-klawsola li l-kumpanija assikuratrici ma thallasx jekk l-assikurat ikun ircieva '*medication and*

[6] Raymond Camilleri et vs *Touring Mediterraneo Ltd.*
[7] Fil-fatt, il-provdituri tas-servizz jghidu li din il-polza tinsab fuq il-*website* taghhom u anke tal-*BOV.*

*treatment for chronic or recurring illness, injury or disease in the last twelve months.'*[8]

Intqal ukoll mill-provditur li '*Mr HHH has suffered minn COPD for the past few years*', kif certifikat medikament.[9]

Biex jara jekk kienx hemm *pre-existing medical conditions* rigwardanti HHH, li kienu materjali u li seta' janticipa biex ma jsifirx, l-Arbitru hatar lill- Professur tal-Medicina Emanuel Farrugia, sabiex jara r-*records* medici u jirrelata dwar dan ir-rigward.

Fir-rapport tieghu,[10] il-Professur Farrugia jghid hekk:

*'Bhala stat ta' fatt fil-5 t'April 2014 Mr HHH ghamel operazzjoni tal-ftuq ingwinali fl-isptar Mater Dei. Ghalkemm l-anestatista nnota li l-loppju kien high risk, l-operazzjoni saret u rnexxiet. Dak iz-zmien il-pazjent kien digà jbati minn COPD ghax id-dijanjosi tal-imsemmija operazzjoni hi mitkuba cara fil-fajl mediku.*

*Il-kelma COPD hi terminu generiku li jfisser marda respiratorja li tikkaguna inflammazzjoni kronika fil-pulmun b'ostruzzjoni ghall-passagg tan-nifs. Sintomi jinkludu: qtugh tan-nifs, soghla, katarru, u bili. Sfortunatament hafna pazjenti li jpejjpu ma jkunux konxji li ghandhom din il-kundizzjoni specifika u jattribwixxu s-sintomi sempliciment ghall-fatt li huma jpejjpu.*

*Certament, fil-kaz ta' Mr HHH, il-kundizzjoni COPD hi 'pre-existing condition' li kienet ezistenti ghal diversi snin qabel ma Mr HHH u l-mara tieghu ibbukkjaw il-vaganza bil-cruise. Madankollu hu possibbli li l-koppja HH genwinament ma kienux jafu jew konxji bl-ezistenza ta' din il-marda specifika ta' COPD. Ghalihom din il-marda ssemmiet ghall-ewwel darba minn Dr Micallef f'Mejju 2015. Huwa wkoll possibbli li l-koppja HH ma kienux 'aware' li din il-kundizzjoni hi marda progressiva u li tista' twasslek ghal stat gravi ta' mard.'*

---

[8] Xhieda ta' Maria Azzopardi a fol 55-56.
[9] A fol 56
[10] A fol 66-67

Kif digà inghad aktar 'il fuq, fis-sentenza Patricia Agius vs *GasanMamo Insurance Ltd.,*[11] il-kumpanija tal-assikurazzjoni hija wkoll marbuta bil-principju tal-*uberrima fides* u hija mistennija li ma thallasx *claim* fejn:

*'Strettament dawn huma biss sitwazzjonijiet fejn l-assigurat ikun wettaq xi frodi jew ma zvelax xi fatti materjali, jew ghamel rapprezentazzjoni hazina ta' xi fatti materjali, jew xi ksur iehor tad-dmir tal-uberrima fides."*

L-Arbitru ma jhossx li l-ilmentaturi kellhom xi hsieb li jaghmlu xi rapprezen-tazzjoni qarrieqa jew li jahbu xi fatti biex iqarrqu bil-provdituri tas-servizz ghaliex, ghalkemm kienu jafu li HHH kien ibati mill-qtugh ta' nifs, (li ghan-nies medici tissejjah *COPD*), huma kienu jahsbu li s-sintomi li kellu kienu marbutin mal-fatt li kien ipejjep.

Kif xehdet l-ilmentatrici, huma xorta wahda baqghu isiefru u hadd ma kien qalilhom li ma setghux jaghmlu dan. Kien fil-fatt fil-25 ta' Mejju 2015, li t-tabib, Dr Micallef, kien qalilhom b'din il-kundizzjoni u qalilhom li ma setghux isiefru.

Tant li l-ilmentaturi mill-ewwel ikkancellaw il-vjagg. Dan huwa konferma li dak li qalet l-ilmentatrici, li huma kienu jsiefru regolari u ma kienux ser ikunu irresponsabbli li jsiefru jekk kienu impeduti milli jaghmlu dan, huwa kredibbli.

Il-Professur Farrugia, fir-relazzjoni tieghu, jghid li ghalkemm il-kundizzjoni *COPD* kienet ezistenti, din issemmiet ghall-ewwel darba lill-ilmentaturi f'Mejju 2015, u huwa possibbli li ma kienux *'aware'* taghha u li kienet marda progressiva.

Il-fatt li jkun hemm *pre-existing condition* wahedha ma twassalx ghall-prova li l-assikurat ikun naqas mill-obbligu tieghu tad-*disclosure* u, ghalhekk, naqas mill-*uberrima fides.* Irid jigi ippruvat li l-assikurat ipprova jahbi xi kundizzjoni biex iqarraq bl-assikurazzjoni.

F'dan il-kaz jirrizulta li l-ilmentaturi lanqas biss kienu jafu b'din il-kundizzjoni u li jridu jinfurmaw b'mard li kellhom u bis-*COPD*, ghaliex lanqas hadd qatt ma gibdilhom l-attenzjoni bil-polza jew, ghad-dirittura, jghidilhom b'din il-kundiz-zjoni tal-polza, li huwa obbligu tal-kumpanija tal-assikurazzjoni li taghmel dan, anke kif iddecidiet il-Qorti tal-Appell 'il fuq kwotata.

[11] PA, 5/06/2015

Jinkombi fuq il-kumpanija tal-assikurazzjoni li taghti l-polza tal-assikurazzjoni lill-assikurat u anke li tispjegalu l-kundizzjonijiet taghha, galadarba l-kumpanija tal-assikurazzjoni tippretendi li l-assikurat irid jimxi mal-kelma (hafna drabi preciza) tal-polza.

F'dawn it-tip ta' *standard form contracts,* dawn it-tip ta' klawsoli jpoggu f'vantagg negozjali lill-assikuratur u, ghalhekk, ghandu l-obbligi li, galadarba jdahhalhom fil-kuntratt, ghandu jispjegahom.

Dan huwa konformi mal-izviluppi li saru fil-qasam guridku-normattiv, kemm fuq livell lokali kif ukoll komunitarju, fejn jidhlu drittijiet tal-konsumatur li biddlu l-ottika tal-principju *pacta sunt servanda* li, fir-realtà, huwa bbazat fuq il-helsien tal-partijiet li jkunu jistghu jikkontrattaw bil-libertà il-konvenzjoni ta' bejniethom. Galdarba *standard form contracts* fihom kundizzjonijiet pre-fissi li mhumiex negozjati u mill-bidu hemm zbilanc negozjali, allura jidhol aktar l-obbligu tal-kummercjant li jispjega f'lingwa li tinftiehem dawn il-kundizzjonijiet.

Tant li l-Artiklu 47 tal-Att Dwar Hwejjeg tal-Konsumatur jipprovdi li kuntratt mal-konsumatur irid ikun redatt f'lingwa li ghandha tinftiehem mill- konsumatur.

F'dan il-kaz, lill-ilmentaturi ma gie spjegat lilhom xejn. Anzi, l-ilmentaturi qatt ma ltaqghu mal-kumpanija assikuratrici, kif tikkonferma Maria Azzopardi fix-xhieda taghha.

Kien il-*Bank of Valletta* li qalilhom li huma koperti b'polza tas-safar hekk kif hadu l-*Visa Gold* tal-*BOV.* Il-kopertura b'assikurazzjoni hija wiehed mill-bene- ficcji marbuta mal-*Visa Gold Card*, u minn kif xehdet l-ilmentatrici, jirrizulta li lanqas il-Bank ma taha spjega jew ghaddielha l-polza tal-assikurazzjoni.

Il-fatt li din tinsab *online* fuq il-*websites* tal-*BOV* u tal-*Island Insurance Brokers* ma huwiex bizzejjed biex jezonera lill-provditur tas-servizz mill-obbligu li jaghti u jispjega l-polza tal-assikurazzjoni u l-kundizzjonijiet l-aktar importanti f'dik il-polza.

Huwa anke fl-interess kummercjali tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni li jaqdu dan l-obbligu, ghaliex b'hekk ikunu avzaw lill-klijenti taghhom li ghandhom jghidulhom fatti materjali li jkunu jafu u, b'hekk, jidhlu ghal anqas riskji jew, addirittura, ma jaccettawx li jinxurjaw lil dak li jkun.

**L-Arbitru jrid fuq kollox jasal ghall-konkluzjoni jekk fil-fehma tieghu u fic-cirkostanzi partikulari ta' dan il-kaz, l-ilment huwiex gust, ekwu u ragonevoli.**[12]

Ghar-ragunijiet 'il fuq moghtija, l-Arbitru wasal ghall-konkluzjoni li l-ilment ghandu jintlaqa' ghaliex fl-ebda hin ma gie ippruvat mill-provdituri tas-servizz li l-ilmentaturi b'xi mod naqsu mill-obbligu tal-*uberrima fides,* jew b'xi mod riedu jqarrqu bihom, ragunijiet li normalment jinvalidaw il-polza u jaghtu ragun lill-provditur tas-servizz li ma jonorax il-*claim.*

Anzi, hekk kif l-ilmentaturi saru jafu l-ewwel darba li HHH kellu impediment li jsiefer, hassru l-vjagg. Però, dan kien fil-25 ta' Marzu 2015, filwaqt li l-*booking* kien sar qabel u, cioè, f'Dicembru 2014.

Ghalhekk huma ghandhom jigu indennizzati ghat-telf li garrbu. M'hemm l-ebda kontestazzjoni li l-ammont li tilfu l-ilmentaturi kien ta' €2,248.50.

Issa jibqa' l-kunsiderazzjoni min, miz-zewg provdituri tas-servizz, ghandu jhallas din is-somma. Kif gie spjegat lill-Arbitru fl-ahhar seduta, l-*Island Insurance Brokers Ltd.* kienet qieghda tagixxi ta' *broker* u ma kienetx hi li qieghda tinxurja lill-assikuraturi. Kif inghad fis-sentenza ***Atlas Insurance Limited et vs Malta Football Association*** **(Cit. Nru. 468/04FS):** [13]

'*L-Insurance Broker huwa mandatarju tal-assikurat. Huwa jghin biex jintlahaq ftehim mal-assikuratur bl-iskop li jigi assikurat riskju, tinhareg assikurazzjoni f'isem il-persuna assikurata, bil-weghda ta' indennizz jekk tigri l-haga msemmija fl-assikurazzjoni. L-Insurance Broker huwa l-mandatarju tal- assikurat u mhux tal-kumpanija ta' assikurazzjoni (ara Antonio Zammit vs Joseph Micallef)'.*

F'dan il-kaz jirrizulta li l-*Insurance Broker* ma kienx qed jagixxi ghall-ilmentaturi u, ghalhekk, ma kienx il-mandatarju taghhom; però kien qed jagixxi bhala *broker* inkargat mill-*Bank of Valletta*. Però, xorta wahda jibqa' li l-*broker* ma jkunx qed jinxurja hu.

[12] KAP 555, art. 19(3)(b)
[13] PA 23/01/2008

Ir-riskji konnessi ma' din l-iskema ta' assikurazzjoni ghal min ikollu l-*Visa Card* tal-*Bank of Valletta* kienet qed tkoprihom *MAPFRE Middlesea p.l.c.* u, ghalhekk, hija din il-kumpanija li ghandha thallas lill-ilmentatrici.

Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jilqa' dan l-ilment sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni, u ai termini tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-KAP 555 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna lil *MAPFRE Middlesea p.l.c.* thallas lill-ilmentatrici s-somma ta' elfejn, mitejn u tmienja u erbghin ewro u hamsin centezmu.

Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez legali ta' din il-procedura ghandhom ikunu ghal *MAPFRE Middlesea p.l.c.*

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji